MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 399/2011

**Il-Pulizija
Vs
Josef Buttigieg**

Illum 27 ta' Gunju, 2012

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti mghamulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Gunju, 2010, Lulju, 2010, Awissu, 2010, Settembru 2010, Ottubru 2010 u Novembru, 2010 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tghati lil Rodianne Debono u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Settembru, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat hati u kkundannatu tlitt (3) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Ottubru, 2011, fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza tat-28 ta’ Settembru, 2011 moghtija mill Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali billi tilliberah u fin-nuqqas timponi piena aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-esponent huwa fi stat ta’ impossibilita` stante li ma jahdimx u m’ghandux introjtu sabiex ihallas il-manteniment.

Ikkunsidrat :

L-aggravju tal-appellant jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif irrizultaw mill-provi. Dan il-ghaliex l-appellant huwa fi stat ta’ impossibilita` stante li ma jahdimx u m’ghandux introjtu sabiex ihallas il-manteniment.

Bir-rispett din mhijiex skuza u l-Qrati taghna dejjem insistew illi ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti kif ukoll stipulazzjonijiet kuntrattwali ghandhom dejjem jigu skrupolozament osservati.

Hekk qalet fost affarijiet ohra l-kawza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Nicholas Azzopardi » tat-30 ta’ April, 2009 fejn *« ghar-rigward tal-aggravju tal-forza magguri bbazat fuq il-massima legali « nemo ad impossibilia tenetur » din il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza stabbilita fir-rigward. Anki jekk hu minnu li l-appellant qabdu xi breakdown jew depression, ma hadimx aktar u spicca bla introjtu, l-patt minnu assunt fil-kuntratt ta' separazzjoni*

*kien jibqa' vigenti sakemm ma ssirx xi novazzjoni tal-kuntratt jew bonarjament jew "ope magisterium". Sakemm il-patt kontrattwali ma jigix hekk varjat, l-appellant kien ghadu obbligat li jivversa lill-martu l-ammonti miftehma. »*

Dan huwa konformi ukoll mar-ragunament tal-Ewwel Qorti li kkunsidrat is-sitwazzjoni tal-appellant li pero` xorta ddecidiet korrettement illi l-appellant kien morus fil-hlasijiet dovuti lilu u ghalhekk ikkundannatu piena karcerarja.

Bil-verbal tal-14 ta' Gunju 2012 (fol. 39) il-parti civili ddikjarat li ghal dak li jirrigwarda mertu ta' din il-kawza l-appellant hallas lil parti civili l-ammont kollu dovut u ma hemmx aktar pretenzjonijiet kontra l-appellant.

Dan l-istat ta' fatt filwaqt illi ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-htija jista` jkollu effett fuq il-piena peress illi gie gustament ribatit illi meta jkun hemm hlas fil-mori jkun hemm kaz ta' temperament fil-piena.

Hekk qalet « Il-Pulizija vs Publius Said » (25 ta' Settembru 2003) *« l-iskop tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni (fin-1993bl-emenda tan-1986), kien li ssir pressjon fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi tagghom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena...... »*

Dana huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz.

Fil-mori ta' din il-kawza l-appellant kellu ripensament u hallas dak li kien obbligat ihallas lill-martu. Ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti ghandha tkun severa mieghu u tapplika l-estremi ta' piena karcerarja.

Ghalhekk il-Qorti taqta` u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa` l-appell, tikkonferma l-ewwel sentenza ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant, izda tvarjaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok kundanna ta'

tlett xhur prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provvediment 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------